2023/2904

29.12.2023

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2904

tal-25 ta' Ottubru 2023

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tagħha, Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 ([2]) jistabbilixxi rekwiżiti ġenerali, operazzjonali u ta' manutenzjoni li jikkonċernaw ir-Reġistru tal-Unjoni previst fid-Direttiva 2003/87/KE u japplika għal kwoti maħluqa għall-finijiet tal-Iskema tal-Unjoni Ewropea għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (EU ETS).

(2) Id-Direttiva 2003/87/KE ġiet emendata biex mill-2024 tinkludi emissjonijiet mit-trasport marittimu fl-EU ETS. Għalhekk, il-kumpaniji tat-tbaħħir se jkunu soġġetti għal rekwiżit li jċedu l-kwoti tal-emissjonijiet li jikkorrispondu għal ċertu sehem tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħhom, li se jiżdied gradwalment sal-2026. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-ftuħ u għall-għeluq ta' kontijiet ta' depożitu ta' operaturi marittimi minn kumpaniji tat-tbaħħir. Ġew introdotti diversi derogi mir-rekwiżit ta' ċediment li japplikaw għall-emissjonijiet tat-trasport marittimu. Jenħtieġ li dawn jiġu riflessi fil-kalkolu taċ-ċifra tal-istatus ta' konformità għall-kumpaniji tat-tbaħħir.

(3) Id-Direttiva 2003/87/KE ġiet emendata wkoll biex mill-2027 tinkludi sistema separata iżda parallela għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li għandha tiġi applikata għall-fjuwils użati għall-kombustjoni fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq kif ukoll f'setturi addizzjonali ta' attivitajiet industrijali mhux koperti mill-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-kontijiet ta' depożitu u għaċ-ċediment ta' kwoti fir-rigward ta' entitajiet regolati li jwettqu attività msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE. Peress li s-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għadha separata mis-sistema eżistenti għall-installazzjonijiet stazzjonarji u l-avjazzjoni, jenħtieġ li din id-distinzjoni tiġi riflessa fir-rigward tal-kwoti maħruġa għas-setturi kkonċernati fir-Reġistru tal-Unjoni.

(4) Jenħtieġ li jiġu riflessi d-dati l-ġodda ta' konformità biex l-operaturi jċedu l-kwoti stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE. Għalhekk, jenħtieġ li d-data ta' konformità għall-installazzjonijiet stazzjonarji u għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru tinbidel għat-30 ta' Settembru. Id-dati ta' konformità għall-operaturi marittimi u għall-entitajiet regolati jenħtieġ li jinbidlu wkoll għat-30 ta' Settembru u għall-31 ta' Mejju rispettivament.

(5) Jeħtieġ ukoll li jitħassru r-referenzi għad-dispożizzjonijiet legali li tneħħew mid-Direttiva 2003/87/KE u li jiġu indirizzati ċerti ħtiġijiet ta' simplifikazzjoni li rriżultaw mill-esperjenza tal-passat. Ir-regoli dwar ir-ritorn tal-allokazzjonijiet żejda jenħtieġ li jiġu aġġornati sabiex tali tranżazzjoni tkun tista' ssir minn kontijiet imblokkati. Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-kumpanija omm u sussidjarja tkun fil-livell tad-detentur tal-kont u mhux fil-livell tal-kumpanija.

(6) Jenħtieġ li jiġi stabbilit tip ta' kont ġdid għal gvernijiet ta' pajjiżi terzi li jkunu daħlu f'arranġament mhux vinkolanti mal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2003/87/KE. Jenħtieġ li dan it-tip ta' kont ġdid jippermetti lil dawk il-gvernijiet ta' pajjiżi terzi jħassru l-kwoti miksuba fis-suq tal-Unjoni.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3).

(7) Ġiet introdotta dispożizzjoni fid-Direttiva 2003/87/KE li tagħti lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru l-possibbiltà li teżenta lil entità regolata li hija soġġetta għat-taxxa nazzjonali fuq il-karbonju mill-obbligu li ċċedi l-kwoti. Jenħtieġ li jiġi stabbilit tip ta' kont ġdid għall-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħmlu użu minn dik il-possibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li Stat Membru jitħalla jħassar kwoti relatati mal-fjuwils użati għall-kombustjoni fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq u f'setturi addizzjonali, fejn il-volumi tal-irkant tiegħu jkunu taħt l-ammont ta' kwoti li jridu jiġu kkanċellati.

(8) Mill-1 ta' Jannar 2025, il-kwoti ġenerali għandhom jinħarġu wkoll għas-settur tal-avjazzjoni, permezz ta' allokazzjoni mingħajr ħlas u rkantar, u b'ħekk ikopru l-emissjonijiet mis-setturi stazzjonarji, marittimi u tal-avjazzjoni. Madankollu, sabiex jiġu żgurati tranżizzjoni bla xkiel u ċertezza legali għall-utenti, jenħtieġ li l-kwoti tal-avjazzjoni maħruġa qabel tmiem l-2024 jibqgħu fil-kontijiet u fiċ-ċirkolazzjoni.

(9) Sabiex tittejjeb it-trasparenza, u jittejjeb il-monitoraġġ tas-suq, ta' tranżazzjonijiet purament bilaterali barra l-Borża ta' kwoti tal-emissjonijiet, jenħtieġ li dawk it-tranżazzjonijiet jiġu mmarkati sistematikament fir-Reġistru tal-Unjoni. Sabiex jiġu evitati inkonsistenzi fid-*data*, it-terminu tranżazzjonijiet bilaterali għandu jkollu l-istess tifsira bħal fl-oqfsa ta' rapportar finanzjarju rilevanti. Barra minn hekk, sabiex tittejjeb il-kwalità tad-*data* disponibbli għar-regolaturi tas-suq għall-hekk imsejjaħ suq spot tal-kwoti ta' emissjoni, jenħtieġ li dawk ir-regolaturi tas-suq jitħallew jitolbu aċċess għad-*data* mir-Reġistru tal-Unjoni f'intervalli regolari skont il-ħtiġijiet ta' monitoraġġ tagħhom.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jiġi emendat skont dan.

(11) Sabiex il-parteċipanti fis-suq jingħataw żmien biex jadattaw għall-fużjoni tal-kwoti ġenerali u tal-avjazzjoni u biex tiġi evitata l-inċertezza legali dwar l-użu u l-validità tal-kwoti fis-sena 2024, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-fużjoni ta' kwoti ġenerali u kwoti tal-avjazzjoni jenħtieġ li tiġi differita.

(12) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni f'waqtha tal-EU ETS għall-operaturi marittimi mill-1 ta' Jannar 2024, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(13) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Settembru 2023,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (6), (7) u (8) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(6) "verifikatur" tfisser:

(a) fil-każ ta' installazzjonijiet stazzjonarji, ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru u ta' entitajiet regolati, verifikatur kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 (*);

(b) fil-każ tat-trasport marittimu, verifikatur kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);

(7) "kwoti tal-avjazzjoni" tfisser kwoti maħluqa skont l-Artikoli 3c u 3d tad-Direttiva 2003/87/KE li nħarġu qabel l-1 ta' Jannar 2025 u kwoti, maħluqa għall-istess skop, li jirriżultaw mis-sistemi ta' skambju tal-emissjonijiet li huma marbuta mal-EU ETS skont l-Artikolu 25 ta' dik id-Direttiva;

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(8) "kwoti ġenerali" tfisser kwoti maħluqa skont il-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE, inklużi kwoti li jirriżultaw mis-sistemi ta' skambju tal-emissjonijiet li huma marbuta mal-EU ETS skont l-Artikolu 25 ta' dik id-Direttiva, u kwoti maħluqa skont l-Artikoli 3c u 3d ta' dik id-Direttiva li nħarġu wara l-1 ta' Jannar 2025;

_____

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-*data* u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94).

(**) Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).";

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(8a) "kwoti ta' entità regolata" tfisser kwoti maħluqa skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE";

(c) il-punt (13) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(13) "ċediment" tfisser il-kontabilità ta' kwota minn installazzjoni stazzjonarja, minn operatur ta' inġenji tal-ajru, minn kumpanija tat-tbaħħir jew minn entità regolata fil-konfront tal-emissjonijiet ivverifikati tal-installazzjoni, tal-inġenju tal-ajru jew tal-bastiment tagħha jew tal-fjuwil rilaxxat għall-konsum;";

(d) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(25) "kontijiet ta' operatur" tfisser kontijiet ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja, kontijiet ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru, kontijiet ta' depożitu ta' operatur marittimu u kontijiet ta' depożitu ta' entità regolata;

(26) "operaturi" tfisser installazzjonijiet stazzjonarji, operaturi tal-inġenji tal-ajru, kumpaniji tat-tbaħħir u entitajiet regolati".

(2) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Malli installazzjoni tkun eskluża mill-ETS tal-UE skont l-Artikoli 27 jew 27a tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur nazzjonali għandu jissettja l-kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja korrispondenti għal status eskluż għad-durata tal-esklużjoni.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6a. Meta entità regolata tkun eżentata mill-obbligu ta' ċediment tal-kwoti f'konformità mal-Artikolu 30e(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur nazzjonali għandu jistabbilixxi l-kont ta' depożitu ta' entità regolata korrispondenti għall-istatus eskluż għad-durata tal-eżenzjoni.";

(c) fil-paragrafu 7, "fl-Artikoli 22 u 57" hija sostitwita b'"fl-Artikolu 22, l-Artikolu 48(4), l-Artikolu 50(6) u (8), l-Artikolu 55(2) u (3) u l-Artikolu 57";

(3) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

Ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Fi żmien 20 jum tax-xogħol mid-dħul fis-seħħ ta' permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-awtorità kompetenti rilevanti jew l-installazzjoni stazzjonarja għandhom jagħtu lill-amministratur nazzjonali rilevanti l-informazzjoni stipulata fl-Anness VI u għandhom jitolbu lill-amministratur nazzjonali jiftaħ kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja fir-Reġistru tal-Unjoni dment li l-installazzjoni stazzjonarja jkollha obbligu li ċċedi l-kwoti skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2003/87/KE.

2. Fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievi sett sħiħ ta' informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u mal-Artikolu 21, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja għal kull installazzjoni fir-Reġistru tal-Unjoni jew jgħarraf lid-detentur ta' kont prospettiv bir-rifjut tiegħu li jiftaħ il-kont, skont l-Artikolu 19.

3. Kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja ġdid jista' jinfetaħ biss jekk l-installazzjoni ma jkollhiex diġà kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja li nfetaħ abbażi tal-istess permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra.";

(4) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Kull operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jkollu mhux aktar minn kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru wieħed.";

(b) jitħassar il-paragrafu 5;

(5) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 15a*

Ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu ta' operatur marittimu fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Fi żmien 40 jum tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tal-lista msemmija fl-Artikolu 3gf(2), il-punt (a), tad-Direttiva 2003/87/KE, jew, għall-kumpaniji tat-tbaħħir mhux inklużi f'dik il-lista, fi żmien 65 jum tax-xogħol mill-ewwel vjaġġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3ga ta' dik id-Direttiva, il-kumpanija tat-tbaħħir għandha tipprovdi lill-amministratur nazzjonali rilevanti bl-informazzjoni stabbilita fl-Anness VIIa ta' dan ir-Regolament u għandha titlob lill-amministratur nazzjonali jiftaħ kont ta' depożitu ta' operatur marittimu fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. Kull kumpanija tat-tbaħħir ma għandux ikollha aktar minn kont ta' depożitu ta' operatur marittimu wieħed.

3. Fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievi sett sħiħ ta' informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u mal-Artikolu 21, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ kont ta' depożitu ta' operatur marittimu għal kull kumpanija tat-tbaħħir fir-Reġistru tal-Unjoni jew jgħarraf lid-detentur ta' kont prospettiv bir-rifjut tiegħu li jiftaħ il-kont, skont l-Artikolu 19.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għat-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u ppreżentati fl-2024, l-iskadenza għall-amministratur nazzjonali biex jiftaħ kont ta' depożitu ta' operatur marittimu għandha tkun ta' 40 jum tax-xogħol minn meta jirċievi sett komplut ta' informazzjoni.

Artikolu 15b

Ftuħ ta' kontijiet ta' depożitu ta' entità regolata fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Fi żmien 20 jum tax-xogħol mid-dħul fis-seħħ ta' permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-entità regolata li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE għandha tipprovdi lill-amministratur nazzjonali rilevanti l-informazzjoni elenkata fl-Anness VIIb ta' dan ir-Regolament u għandha titlob lill-amministratur nazzjonali jiftaħ kont ta' depożitu ta' entità regolata fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. Fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievi sett sħiħ ta' informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u mal-Artikolu 21, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ kont ta' depożitu ta' entità regolata għal kull entità regolata fir-Reġistru tal-Unjoni jew jgħarraf lid-detentur ta' kont prospettiv bir-rifjut tiegħu li jiftaħ il-kont, skont l-Artikolu 19.

3. Kull entità regolata ma għandux ikollha aktar minn kont ta' depożitu wieħed ta' entità regolata.

4. B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għat-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u ppreżentati fl-2025, l-iskadenza għall-amministratur nazzjonali biex jiftaħ kontijiet ta' depożitu ta' entità regolata għandha tkun ta' 40 jum tax-xogħol mill-wasla ta' sett komplut ta' informazzjoni.

5. Kont ta' depożitu ta' entità regoalta ġdid jista' jinfetaħ biss jekk l-entità regolata ma jkollhiex diġà kont ta' depożitu ta' entità regolata li nfetaħ abbażi tal-istess permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

6. Meta l-amministratur nazzjonali jkun diġà kiseb informazzjoni għall-finijiet ta' miżuri nazzjonali fis-setturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE, huwa jista' juża din l-informazzjoni għall-fini tal-ftuħ tal-kontijiet ta' depożitu ta' entità regolata, dment li l-informazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15b ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 15c

Il-ftuħ ta' kontijiet ta' gvern ta' pajjiż terz għat-tħassir tal-kwoti fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Wara l-iffirmar ta' arranġament mhux vinkolanti msemmi fl-Artikolu 25(1b) tad-Direttiva 2003/87/KE, il-gvern tal-pajjiż terz jew l-entità subfederali jew reġjonali tista' permezz ta' ittra uffiċjali, titlob lill-amministratur ċentrali jiftaħ kont ta' gvern ta' pajjiż terz għat-tħassir tal-kwoti fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. Il-pajjiż terz ikkonċernat ma għandux ikollu aktar minn kont ta' gvern ta' pajjiż terz għat-tħassir tal-kwoti wieħed.

Artikolu 15d

Ftuħ ta' kontijiet ta' tħassir tad-deroga mit-taxxa fir-Reġistru tal-Unjoni

1. Meta Stat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni tal-eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 30e(3) tad-Direttiva 2003/87/KE u l-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-applikazzjoni ta' dik id-deroga, l-Istat Membru kkonċernat għandu, permezz ta' ittra uffiċjali, jitlob lill-amministratur ċentrali jiftaħ kont ta' tħassir tad-deroga tat-taxxa fir-Reġistru tal-Unjoni.

2. L-Istat Membru kkonċernat ma għandux ikollu aktar minn kont ta' tħassir tad-deroga tat-taxxa wieħed.

3. Il-kwoti tal-entitajiet regolati biss jistgħu jiġu ttrasferiti għall-kont ta' tħassir tad-deroga tat-taxxa. Il-kwoti tal-entitajiet regolati miżmuma fil-kont ta' tħassir tad-deroga tat-taxxa għandhom jitħassru sa tmiem is-sena wara s-sena ta' referenza f'konformità mal-Artikolu 30e(3), il-punt (g), tad-Direttiva 2003/87/KE.

4. Il-kont ta' tħassir tad-deroga tat-taxxa għandu jintuża biss biex jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 30e(3), il-punt (g), tad-Direttiva 2003/87/KE u l-ammont ta' kwoti mibgħuta lil dak il-kont fi kwalunkwe sena partikolari ma għandux ikun ogħla mid-differenza bejn l-ammont ta' kwoti li għad iridu jiġu rkantati fis-sena ta' referenza wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 30e(3), il-punt (f), ta' dik id-Direttiva u l-ammont ta' kwoti li għandhom jiġu kkanċellati skont l-Artikolu 30e(3), il-punt (g), tad-Direttiva 2003/87/KE.";

(6) Fl-Artikolu 19(3), l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Meta l-amministratur nazzjonali jirrifjuta li jiftaħ kont ta' operatur f'konformità mal-paragrafu 2, il-kont jista' jinfetaħ fuq struzzjoni mill-awtorità kompetenti.";

(7) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-operaturi għandhom jinnotifikaw lill-amministratur dwar il-kont tagħhom fi żmien 10 ijiem tax-xogħol jekk ikunu għaddew minn fużjoni jew qasma.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Mill-inqas darba kull 3 snin, l-amministratur nazzjonali għandu jirrieżamina jekk l-informazzjoni dwar il-kont tkunx għadha kompluta, aġġornata, akkurata u vera, u għandu jitlob li d-detentur ta' kont jinnotifika kwalunkwe tibdil skont kif ikun xieraq. Għall-kontijiet ta' operaturi u l-verifikaturi, ir-rieżami għandu jsir mill-inqas darba kull 5 snin. Sal-aħħar jum tax-xahar ta' wara 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u mill-inqas darba fis-sena wara dan, l-amministraturi nazzjonali għandhom jirrieżaminaw il-kontijiet li ma fihomx informazzjoni dwar l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika jew l-istatus taċ-ċentru tan-negozjar jew tal-kontroparti ċentrali msemmija fit-Tabella III-I tal-Anness III.";

(c) fil-paragrafu 7, "l-Artikoli 14, 15 jew 16" hija sostitwita b'"l-Artikoli 14, 15, 15a, 15b jew 16";

(d) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"11a. Jekk l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir tinbidel f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3gf tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur ċentrali għandu jaġġorna lill-amministratur nazzjonali dwar il-kont ta' depożitu ta' operatur marittimu korrispondenti. Meta l-amministratur ta' kont ta' depożitu ta' operatur marittimu jinbidel, l-amministratur il-ġdid jista' jirrikjedi li l-kumpanija tat-tbaħħir tissottometti l-informazzjoni dwar il-ftuħ ta' kont f'konformità mal-Artikolu 15a u l-informazzjoni dwar ir-rappreżentanti awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 21.";

(e) il-paragrafu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"12. Soġġett għall-paragrafi 11 u 11a, l-Istat Membru responsabbli għall-immaniġġar ta' kont ma għandux jinbidel.";

(8) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 24a*

Għeluq ta' kontijiet ta' gvern ta' pajjiż terz għat-tħassir tal-kwoti

L-amministratur ċentrali għandu jagħlaq kont ta' gvern ta' pajjiż terz għat-tħassir tal-kwoti fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mit-tmiem tal-perjodu ta' żmien stabbilit fl-arranġament mhux vinkolanti msemmi fl-Artikolu 25(1b) tad-Direttiva 2003/87/KE.";

(9) l-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Għeluq ta' kontijiet ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja**";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-amministratur nazzjonali jista' jagħlaq kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:"

(c) fil-paragrafu 2, il-punt c, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-emissjonijiet verifikati kienu ġew irreġistrati għas-snin kollha meta l-installazzjoni stazzjonarja kienet inkluża fl-EU ETS;";

(10) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 26a*

Għeluq ta' kontijiet ta' depożitu ta' operatur marittimu

1. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-amministratur nazzjonali fi żmien 10 ijiem tax-xogħol min-notifika mid-detentur ta' kont jew minn meta jiġi skopert, wara li tiġi eżaminata evidenza oħra, li l-kumpanija tat-tbaħħir ġiet fuża ma' kumpanija tat-tbaħħir oħra jew li l-kumpanija tat-tbaħħir waqqfet l-operazzjonijiet kollha tagħha koperti mill-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE.

2. L-amministratur nazzjonali jista' jagħlaq kont ta' depożitu ta' operatur marittimu jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun saret notifika skont il-paragrafu 1;

(b) is-sena tal-aħħar emissjoni tkun ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Unjoni;

(c) l-emissjonijiet verifikati soġġetti għar-rekwiżiti ta' ċediment f'konformità mal-Artikoli 3gb u 12 tad-Direttiva 2003/87/KE ġew irreġistrati għas-snin kollha meta l-kumpanija tat-tbaħħir kienet inkluża fl-EU ETS;

(d) il-kumpanija tat-tbaħħir tkun ċediet ammont ta' kwoti daqs jew akbar mill-emissjonijiet verifikati tagħha soġġett għar-rekwiżiti ta' ċediment f'konformità mal-Artikoli 3gb u 12 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Artikolu 26b

Għeluq ta' kontijiet ta' depożitu ta' entità regolata

1. Meta l-awtorità kompetenti tirtira permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew tirċievi notifika mid-detentur ta' kont, jew tiskopri wara li teżamina evidenza oħra, li l-entità regolata tkun ġiet fuża f'entità regolata oħra jew tkun waqqfet l-operazzjonijiet kollha tagħha koperti mill-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE, hija għandha tinnotifika lill-amministratur nazzjonali fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mill-irtirar, min-notifika mid-detentur tal-kont jew mill-iskoperta, skont kif applikabbli.

2. L-amministratur nazzjonali jista' jagħlaq kont ta' depożitu ta' entità regolata jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun waslet notifika mill-awtorità kompetenti skont il-paragrafu 1;

(b) is-sena tal-aħħar emissjoni tkun ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Unjoni;

(c) l-emissjonijiet verifikati kienu ġew irreġistrati għas-snin kollha meta l-entità regolata kienet inkluża fl-EU ETS;

(d) l-entità regolata ċediet ammont ta' kwoti ugwali għal jew akbar mill-emissjonijiet ivverifikati tagħha.";

(11) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-każ ta' kontijiet ta' operaturi, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità rilevanti għall-infurzar tal-liġi tista' tagħti struzzjonijiet lill-amministratur nazzjonali sabiex jissettja għal status imblukkat dawk il-kontijiet li l-aċċess għalihom ikun sospiż, sakemm l-awtorità kompetenti tiddetermina li s-sitwazzjoni li tat lok għas-sospensjoni ma tkunx għadha teżisti.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-amministratur nazzjonali għandu jagħlaq kont ta' operatur meta jingħata struzzjoni mingħand l-awtorità kompetenti fuq il-bażi li ma jkun hemm ebda prospett raġonevoli li jiġu ċeduti kwoti ulterjuri jew li jiġu rritornati kwoti żejda."

(12) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Meta d-detentur ta' kont ta' operatur ma jkunux jista' jċedi fl-10 ijiem tax-xogħol qabel l-iskadenza għaċ-ċediment stabbilita fl-Artikolu 12(3) u fl-Artikolu 30e(2), rispettivament, tad-Direttiva 2003/87/KE minħabba sospensjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-amministratur nazzjonali għandu, jekk hekk jintalab mid-detentur tal-kont, iċedi n-numru ta' kwoti speċifikat mid-detentur tal-kont.";

(13) l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Data vverifikata dwar l-emissjonijiet għall-operaturi**";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull meta rikjest mil-liġi nazzjonali, kull operatur għandu jagħżel verifikatur mil-lista ta' verifikaturi reġistrati mal-amministratur nazzjonali li jamministra l-kont tiegħu.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Malli ssir verifika sodisfaċenti f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/87/KE ta' rapport ta' operatur dwar l-emissjonijiet minn installazzjoni matul sena preċedenti, jew ta' rapport ta' operatur ta' inġenji tal-ajru dwar l-emissjonijiet mill-attivitajiet kollha tal-avjazzjoni li huwa jkun wettaq matul sena preċedenti, jew ir-rapport ta' entità regolata dwar l-emissjonijiet tagħha matul sena preċedenti, il-verifikatur jew l-awtorità kompetenti għandhom japprovaw id-*data* dwar l-emissjonijiet annwali.

Għall-kumpaniji tat-tbaħħir, il-verifikatur jew l-awtorità kompetenti għandhom japprovaw id-*data* dwar l-emissjonijiet annwali wara verifika sodisfaċenti tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet ta' kumpanija tat-tbaħħir fil-livell ta' kumpanija f'konformità mal-Artikolu 3ge ta' dik id-Direttiva. Għall-entitajiet regolati, il-verifikatur jew l-awtorità kompetenti għandhom japprovaw id-*data* dwar l-emissjonijiet annwali wara verifika sodisfaċenti f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/87/KE.";

(d) fil-paragrafu 5, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-emissjonijiet approvati kollha għandhom jiġu mmarkati vverifikati sal-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 32.";

(e) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-awtorità kompetenti tista' tagħti struzzjoni lill-amministratur nazzjonali biex jikkoreġi l-emissjonijiet annwali verifikati għal kwalunkwe operatur biex tkun żgurata l-konformità mal-Artikoli 3gd, 3ge, 14 u 15 tad-Direttiva 2003/87/KE, billi jdaħħal l-emissjonijiet verifikati jew stmati kkoreġuti għal dak l-operatur għal sena partikolari fir-Reġistru tal-Unjoni.";

(f) il-paragrafu 7 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta, fl-1 ta' Mejju ta' kull sena, ebda ċifra tal-emissjonijiet verifikati ma tkun ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Unjoni għal installazzjoni stazzjonarja jew għal operatur ta' inġenju tal-ajru għal sena preċedenti jew ikun intwera bil-provi li ċ-ċifra tal-emissjonijiet verifikati tkun skorretta, kwalunkwe stima sostituta ta' ċifra tal-emissjonijiet imdaħħla fir-Reġistru tal-Unjoni għandha tiġi kkalkulata sal-eqreb ċifra possibbli f'konformità mal-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2003/87/KE.";

(ii) jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Meta, fl-1 ta' Mejju ta' kull sena, ebda ċifra tal-emissjonijiet verifikati ma tkun irreġistrata fir-Reġistru tal-Unjoni għal kumpanija tat-tbaħħir għal sena preċedenti, jew iċ-ċifra tal-emissjonijiet verifikati tkun ġiet ipprovata bħala skorretta, kull stima sostituta ta' ċifra tal-emissjonijiet imdaħħla fir-Reġistru tal-Unjoni għandha tkun ikkalkulata sal-eqreb ċifra possibbli f'konformità mal-Artikoli 3gd u 3ge tad-Direttiva 2003/87/KE.

Meta, fl-1 ta' Ġunju ta' kull sena, l-ebda ċifra tal-emissjonijiet verifikati ma tkun irreġistrata fir-Reġistru tal-Unjoni għal entità regolata għal sena preċedenti jew ikun intwera bil-provi li ċ-ċifra tal-emissjonijiet verifikati tkun skorretta, kull stima sostituta ta' ċifra tal-emissjonijiet imdaħħla fir-Reġistru tal-Unjoni għandha tkun ikkalkulata sal-eqreb ċifra possibbli f'konformità mal-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2003/87/KE.";

(14) l-Artikolu 32 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 32*

Imblokkar ta' kontijiet minħabba nuqqas ta' sottomissjoni tal-emissjonijiet ivverifikati

1. Jekk, fl-1 ta' April ta' kull sena, l-emissjonijiet annwali għas-sena preċedenti ta' installazzjoni stazzjonarja, operatur tal-inġenji tal-ajru jew kumpanija tat-tbaħħir, jew, fl-1 ta' Mejju ta' kull sena, l-emissjonijiet annwali li jikkorrispondu għall-ammont ta' fjuwil rilaxxat għall-konsum għas-sena preċedenti minn entità regolata, ma jkunux iddaħħlu u ma jkunux ġew immarkati bħala "vverifikati" fir-Reġistru tal-Unjoni, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jistabbilixxi l-kont ta' operatur korrispondenti għal status blukkat.

2. Meta l-emissjonijiet ivverifikati kollha ta' operatur għal dik is-sena, li jkunu għadhom ma daħlux, ikunu ddaħħlu fir-Reġistru tal-Unjoni, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jqiegħed il-kont ta' operatur korrispondenti fi stat miftuħ.";

(15) l-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li, fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, ir-Reġistru tal-Unjoni jindika l-figura tal-istatus ta' konformità għas-sena preċedenti għal kull kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja, kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru u kont ta' depożitu ta' operatur marittimu li ma jkunx fi status magħluq billi jikkalkula t-total tal-kwoti kollha ċeduti għall-perjodu kurrenti li minnu jitnaqqas it-total tal-emissjonijiet verifikati kollha fil-perjodu kurrenti u inkluża s-sena preċedenti, biż-żieda ta' fattur ta' korrezzjoni.";

(ii) fit-tieni subparagrafu, "l-Artikoli 25 u 26" hija sostitwita b'"l-Artikoli 25, 26, 26a u 26b";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. Għall-perjodu mill-2024 sal-2030, id-derogi skont l-Artikolu 12(3-e) sa 12(3-b) tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-istatus ta' konformità għall-kumpaniji tat-tbaħħir.

1b. Għall-2024 u għall-2025, ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 3gb tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-istatus ta' konformità għall-kumpaniji tat-tbaħħir.

1c. Mill-2026, l-emissjonijiet verifikati tal-kumpaniji tat-tbaħħir għandhom jinkludu wkoll il-metan u l-ossidu nitruż.";

(16) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 33a*

Kalkolu tal-figuri tal-istatus ta' konformità għall-entitajiet regolati

1. Mill-2028, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li fl-1 ta' Ġunju ta' kull sena, ir-Reġistru tal-Unjoni jindika l-figura tal-istatus ta' konformità għas-sena preċedenti għal kull entità regolata b'kont ta' depożitu ta' entità regolata li ma jkunx fi status magħluq. Dan għandu jsir billi tiġi kkalkulata s-somma tal-kwoti kollha ċeduti għall-perjodu kurrenti wara li titnaqqas is-somma tal-emissjonijiet verifikati kollha li jikkorrispondu għall-fjuwil rilaxxat għall-konsum tagħhom fil-perjodu kurrenti u inkluża s-sena preċedenti. Il-figura tal-istatus ta' konformità ma għandhiex tiġi kkalkulata għall-kontijiet li kellhom il-figura tal-istatus ta' konformità preċedenti tagħhom żero jew pożittiva u s-sena tal-aħħar emissjonijiet ġiet iffissata għal sena qabel is-sena preċedenti.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jikkalkula l-figura tal-istatus ta' konformità qabel l-għeluq tal-kont skont l-Artikolu 26b.

3. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jirreġistra l-figura tal-istatus ta' konformità għal kull entità regolata għal kull sena.";

(17) fl-Artikolu 36, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Il-kwoti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE ma għandhomx ikunu funġibbli mal-kwoti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli II u III ta' dik id-Direttiva. Il-kwoti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE ma għandhomx jinżammu f'kontijiet ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja, f'kontijiet ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru, f'kontijiet ta' depożitu ta' operatur marittimu jew f'kontijiet ta' gvern ta' pajjiż terz għat-tħassir tal-kwoti.";

(18) l-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-amministratur ċentrali jista' joħloq Kont ta' Kwantità Totali tal-UE, Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE, Kont ta' Allokazzjonijiet tal-UE, Kont ta' Allokazzjonijiet tal-Avjazzjoni tal-UE, Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE, Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-Avjazzjoni tal-UE, u Kont ta' Kwantità Totali ta' Entità Regolata tal-UE u Kont tal-Bejgħ bl-Irkant ta' Entità Regolata tal-UE, kif xieraq, u għandu joħloq jew jikkanċella l-kontijiet u l-kwoti kif isir neċessarju fid-dawl tal-atti tal-Unjoni, inkluż kif jista' jkun meħtieġ mid-Direttiva 2003/87/KE jew mill-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010.";

(b) fil-paragrafu 2 tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Il-kwoti ta' entità regolata għandhom ikunu jistgħu jiġu distinti f'kull mument mill-kwoti ġenerali.";

(19) l-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Trasferiment ta' kwoti ġenerali għal installazzjonijiet stazzjonarji u għal operaturi marittimi li għandhom jiġu rkantati**";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, b'mod puntwali, f'isem l-Istat Membru rkantatur rilevanti, kif ukoll għall-fond ta' innovazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-fond ta' modernizzazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), u għall-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), kif irrappreżentat mill-irkantatur tiegħu maħtur f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, kwoti ġenerali għall-installazzjonijiet stazzjonarji u l-operaturi marittimi mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-UE għall-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi għall-volumi annwali ddeterminati skont l-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1)

(**) Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1).";

(20) l-Artikolu 39 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 39*

Trasferiment ta' kwoti ġenerali għall-installazzjonijiet stazzjonarji li għandhom jiġu allokati bla ħlas

L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, b'mod f'waqtu, il-kwoti ġenerali għall-installazzjonijiet stazzjonarji mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-UE għall-Kont ta' Allokazzjonijiet tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi għat-total tal-kwoti allokati bla ħlas skont it-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali ta' kull Stat Membru.";

(21) l-Artikolu 40 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 40*

Trasferiment ta' kwoti ġenerali għall-avjazzjoni biex jinbiegħu bi rkant

1. L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, b'mod f'waqtu, f'isem l-Istat Membru rkantatur rilevanti kif irrappreżentat mill-irkantatur tiegħu maħtur f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, il-kwoti ġenerali għall-avjazzjoni mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant għall-Avjazzjoni tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi għall-volumi annwali ddeterminati skont dak ir-Regolament.

2. F'każ ta' aġġustamenti tal-volumi annwali tal-kwoti f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi kwantità korrispondenti ta' kwoti ġenerali mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant għall-Avjazzjoni tal-UE, jew mill-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant għall-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE, skont il-każ.";

(22) l-Artikolu 41 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 41*

Trasferiment ta' kwoti ġenerali li għandhom jiġu allokati bla ħlas lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru

L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, b'mod f'waqtu, il-kwoti ġenerali mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta' Allokazzjonijiet tal-Avjazzjoni tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi għat-total tal-kwoti allokati bla ħlas skont it-tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali tal-avjazzjoni ta' kull Stat Membru.";

(23) L-Artikolu 42 jitħassar;

(24) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 42a*

Trasferiment ta' kwoti ta' entità regolata li għandhom jinbiegħu bi rkant

1. L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, b'mod f'waqtu, f'isem l-Istat Membru rkantatur rilevanti u għall-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955, kif irrappreżentant mill-irkantatur tiegħu maħtur f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, il-kwoti tal-entità regolata mill-Kont ta' Kwantità Totali ta' Entità Regolata tal-UE għall-Kont tal-Bejgħ bl-Irkant ta' Entità Regolata tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi għall-volumi annwali ddeterminati skont l-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament.

2. F'każ ta' aġġustamenti għall-volumi annwali ta' kwoti f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi kwantità korrispondenti ta' kwoti tal-entità regolata mill-Kont ta' Kwantità Totali ta' Entità Regolata tal-UE għall-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant ta' Entità Regolata tal-UE, jew mill-Kont tal-Bejgħ bl-Irkant ta' Entità Regolata tal-UE għall-Kont ta' Kwantità Totali ta' Entità Regolata tal-UE, skont il-każ.";

(25) Jitħassru l-Artikoli 44 u 45;

(26) l-Artikolu 48 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 48*

Allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti ġenerali

"1. L-amministratur nazzjonali għandu jindika fit-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali għal kull installazzjoni stazzjonarja, għal kull sena u għal kull bażi legali stabbilit fl-Anness X, jekk jenħtieġx li installazzjoni tirċievi allokazzjoni għal dik is-sena jew le.

2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi l-kwoti ġenerali għall-installazzjonijiet stazzjonarji awtomatikament mill-Kont ta' Allokazzjonijiet tal-UE f'konformità mat-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali rilevanti għall-kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja rilevanti miftuħ bl-istatus tal-konformità A, kif stabbilit fit-Tabella XIV-I tal-Anness XIII, jew għall-kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja rilevanti mblukkat, wara li jitqiesu l-modalitajiet tat-trasferiment awtomatiku speċifikati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-data previsti fl-Artikolu 75.

3. Meta kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja esklużma jirċevix kwoti skont il-paragrafu 2, il-kwoti għas-snin ta' esklużjoni ma għandhomx jiġu ttrasferiti għall-kont, jekk ikun issettjat għal status "miftuħ" għas-snin sussegwenti.

4. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li installazzjoni stazzjonarja tkun tista' twettaq trasferimenti li jroddu lura l-kwoti żejda lill-Kont ta' Allokazzjonijiet tal-UE, meta t-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali ta' Stat Membru tkun inbidlet skont l-Artikolu 47 sabiex tiġi kkoreġuta allokazzjoni żejda ta' kwoti lill-installazzjoni stazzjonarja, u l-awtorità kompetenti tkun talbet lill-installazzjoni stazzjonarja trodd lura tali kwoti żejda.

5. L-awtorità kompetenti tista' tagħti struzzjoni lill-amministratur nazzjonali sabiex jittrasferixxi l-kwoti żejda li jiġu rritornati għall-Kont ta' Allokazzjonijiet tal-UE meta l-allokazzjoni żejda tal-kwoti tkun konsegwenza tal-allokazzjoni wara li installazzjoni stazzjonarja tkun waqqfet l-attivitajiet imwettqa fl-installazzjoni li magħhom tkun relatata l-allokazzjoni, mingħajr ma tkun għarrfet lill-awtorità kompetenti. ";

(27) fl-Artikolu 49, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur ċentrali biex jagħmel il-bidliet korrispondenti fit-tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali tal-avjazzjoni fir-Reġistru tal-Unjoni jekk iqis li l-bidla fit-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali tal-avjazzjoni hija konformi mad-Direttiva 2003/87/KE. Inkella, għandha tirrifjuta t-tibdiliet f'perjodu raġjonevoli u tgħarraf lill-Istat Membru mingħajr dewmien, filwaqt li tagħti r-raġunijiet tagħha u tistabbilixxi l-kriterji li għandhom jiġu ssodisfati biex tiġi aċċettata notifika sussegwenti.";

(28) L-Artikolu 50 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti għall-operaturi ta' inġenji tal-ajru";**

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi kwoti tal-avjazzjoni, u mill-1 ta' Jannar 2025 kwoti ġenerali, awtomatikament mill-Kont ta' Allokazzjonijiet għall-Avjazzjoni tal-UE għall-kont ta' depożitu miftuħ rilevanti tal-operatur ta' inġenji tal-ajru bi status ta' konformità A, kif stabbilit fit-Tabella XIV-I tal-Anness XIII, jew għall-kont ta' depożitu mblukkat rilevanti tal-operatur ta' inġenji tal-ajru f'konformità mat-tabella ta' allokazzjonijiet rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-modalitajiet tat-trasferiment awtomatiku speċifikati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u tal-iskambju tad-data previsti fl-Artikolu 75.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta jkun hemm fis-seħħ ftehim skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2003/87/KE li jkun jirrikjedi t-trasferiment tal-kwoti tal-avjazzjoni lil kontijiet ta' depożitu ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru fir-reġistru ta' sistema oħra għall-iskambju ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-amministratur ċentrali, f'kooperazzjoni mal-amministratur tar-reġistru l-ieħor, għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi dawk il-kwoti ġenerali mill-Kont ta' Allokazzjonijiet għall-Avjazzjoni tal-UE għall-kontijiet korrispondenti fir-reġistru l-ieħor.";

(d) jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. L-awtorità kompetenti tista' tagħti struzzjonijiet lill-amministratur nazzjonali biex jittrasferixxi l-kwoti żejda ritornati għall-Kont ta' Allokazzjonijiet tal-UE meta l-allokazzjoni żejda ta' kwoti tkun il-konsegwenza ta' allokazzjoni annwali maħruġa għal sena li għaliha l-kont ta' depożitu ta' operatur ta' inġenji tal-ajru jkun sussegwentement inbidel għal status esklużż.";

(29) fl-Artikolu 51, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Ritorn ta' kwoti mill-operaturi ta' inġenji tal-ajru**";

(30) l-Artikolu 52(1) huwa emendat kif ġej:

(a) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Is-sistema ta' saldu jew is-sistema ta' kklerjar imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tipprovdi tabella tal-irkant waħda għal kull sena kalendarja għall-irkantar ta' kwoti ġenerali, u għall-irkantar ta' kwoti tal-avjazzjoni fil-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024, u għandha tiżgura li t-tabella tal-irkant tinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness XII.";

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Is-sistema ta' saldu jew is-sistema ta' kklerjar imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tipprovdi tabella tal-irkant waħda għal kull sena kalendarja għall-irkantar ta' kwoti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE, u għandha tiżgura li t-tabella tal-irkant tinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness XII.";

(31) l-Artikolu 54 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 54*

Rkantar ta' kwoti

1. Il-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lill-amministratur ċentrali, b'mod puntwali, biex jittrasferixxi, fuq talba tal-Istat Membru rkantatur u fir-rigward tal-fond ta' Innovazzjoni, il-fond ta' Modernizzazzjoni, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew il-Fond Soċjali għall-Klima, kif irrappreżentat mill-irkantatur tiegħu maħtur f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, dan li ġej għall-kont ta' kunsinna ta' kollateral ta' rkant rilevanti f'konformità mat-tabella tal-irkant rilevanti:

(a) il-kwoti ġenerali mill-Kont tal-Bejgħ bl-Irkant tal-UE;

(b) sal-31 ta' Diċembru 2024, il-kwoti tal-avjazzjoni mill-Kont tal-Bejgħ bl-Irkant tal-Avjazzjoni tal-UE;

(c) mill-1 ta' Jannar 2025, il-kwoti ġenerali għall-avjazzjoni mill-Kont tal-Bejgħ bl-Irkant tal-Avjazzjoni tal-UE;

(d) mill-1 ta' Jannar 2027, il-kwoti ta' entitajiet regolati mill-Kont tal-Bejgħ bl-Irkant ta' Entità Regolata tal-UE.

2. Id-detentur tal-kont tal-kont għall-kunsinna tal-kollaterali ta' rkant rilevanti għandu jiżgura t-trasferiment tal-kwoti rkantati lill-offerenti rebbieħa jew lis-suċċessuri tagħhom fit-titolu f'konformità mal-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010.

3. Ir-rappreżentant awtorizzat ta' kont għall-kunsinna tal-kollaterali ta' rkant jista' jkun meħtieġ jittrasferixxi kwalunkwe kwota li ma ġietx ikkunsinnata mill-kont għall-kunsinna tal-kollaterali ta' rkant lill-Kont tal-Bejgħ bl-Irkant tal-UE, lill-Kont tal-Bejgħ bl-Irkant għall-Avjazzjoni tal-UE jew lill-Kont tal-Bejgħ bl-Irkant ta' Entità Regolata tal-UE rispettivament.";

(32) fl-Artikolu 55, il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Il-kontijiet tal-operaturi jistgħu jittrasferixxu biss kwoti għal kont fil-lista ta' kontijiet ta' fiduċja stabbilita skont l-Artikolu 23.

3. Id-detenturi tal-kontijiet tal-operaturi jistgħu jiddeċiedu li t-trasferimenti huma possibbli mill-kont tagħhom għal kontijiet li mhumiex fil-lista ta' kontijiet ta' fiduċja stabbilita skont l-Artikolu 23. Id-detenturi tal-kontijiet ta' operatur jistgħu jirtiraw deċiżjoni bħal din. Id-deċiżjoni u l-irtirar tad-deċiżjoni għandhom jiġu kkomunikati f'dikjarazzjoni debitament iffirmata sottomessa lill-amministratur nazzjonali.

4. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jindika jekk it-trasferiment ikunx jirrappreżenta tranżazzjoni bilaterali. It-trasferiment għandu jitqies bħala tranżazzjoni bilaterali, sakemm dik it-tranżazzjoni ma tkunx ġiet eżegwita permezz tas-sistemi ta' ċentru tan-negozjar u rrapportata skont l-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), jew ma tkunx ġiet ikklerjata minn kontroparti ċentrali skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).";

(33) l-Artikolu 56(1) huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza ta' introduzzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

"Operatur għandu jċedi l-kwoti billi jipproponi lir-Reġistru tal-Unjoni li:";

(b) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jittrasferixxi numru speċifikat ta' kwoti mill-kont rilevanti ta' operatur għall-Kont ta' Tħassir tal-Unjoni.";

(c) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jirreġistra n-numru u t-tip ta' kwoti trasferiti bħala ċeduti għall-emissjonijiet tal-operatur fil-perjodu kurrenti.";

(34) fl-Artikolu 58(6), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) wara l-irriversjar tat-tranżazzjoni taċ-ċediment, ma jkun hemm l-ebda operatur li jsir mhux konformi minħabba l-irriversjar.";

(35) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 59-a*

Tranżazzjonijiet awtorizzati għal kontijiet ta' gvern ta' pajjiż terz għat-tħassir tal-kwoti

Il-kwoti miżmuma f'kontijiet ta' gvern ta' pajjiż terz għat-tħassir tal-kwoti għandhom jitħassru. Il-kwoti ma għandhomx jiġu ttrasferiti minn kontijiet ta' gvern ta' pajjiż terz għat-tħassir tal-kwoti. Ma għandha tkun possibbli l-ebda tranżazzjoni oħra minn dawk il-kontijiet.";

(36) fl-Artikolu 68, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"5. Meta, skont l-Artikolu 53(1), is-sistema ta' kklerjar tal-pjattaforma tal-irkant tinnotifika lill-Kummissjoni b'emenda għal tabella tal-irkant minħabba l-fatt li l-kwoti għandhom jinżammu f'konformità mal-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, l-amministratur ċentrali għandu jdaħħal dik it-tabella riveduta ta' rkant notifikata fir-Reġistru tal-Unjoni u ma għandux jittrasferixxi l-kwoti kkonċernati.

6. Meta s-sistema ta' kklerjar tal-pjattaforma tal-irkant rilevanti tonqos milli tinnotifika emenda għal tabella tal-irkant skont il-paragrafu 5, u jekk tali notifika tkun saret mill-irkantatur maħtur f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, l-amministratur ċentrali għandu jissospendi t-trasferiment tal-kwoti għal dak l-Istat Membru.

7. Meta, wara li jinħatar irkantatur ġdid f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, is-sistema ta' kklerjar tal-pjattaforma tal-irkant tinnotifika lill-Kummissjoni b'emenda għal tabella tal-irkant rigward l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-irkantatur il-ġdid, l-amministratur ċentrali għandu jdaħħal it-tabella riveduta tal-irkant fir-Reġistru tal-Unjoni u għandu jittrasferixxi l-kwoti f'isem l-irkantatur il-ġdid għall-kont għall-kunsinna tal-kollaterali ta' rkant tas-sistema ta' kklerjar tal-pjattaforma rilevanti tal-irkant.

8. Ħlief meta rkant ikun ġie kkanċellat f'konformità mal-Artikolu 7(5) jew (6) jew mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, l-amministratur ċentrali għandu jissospendi t-trasferiment ta' kwoti kif speċifikat fit-tabella tal-irkant rispettiva mdaħħla fir-Reġistru tal-Unjoni fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) il-pjattaforma rilevanti tal-irkant ma tkunx tista' twettaq l-irkantijiet skont l-Artikolu 27(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010;

(b) ir-rikavati tal-irkant meħtieġa ġġenerati skont l-Artikolu 10a(9), l-Artikolu 10e u l-Artikolu 30d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE jkunu ntlaħqu.

Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, is-sistema ta' kklerjar tal-pjattaforma tal-irkant għandha tissottometti, bl-akbar urġenza, it-tabella riveduta tal-irkant lill-amministratur ċentrali, li għandu jdaħħalha fir-Reġistru tal-Unjoni.";

(37) fl-Artikolu 80 jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 għandhom jirċievu, fuq talba lill-amministratur ċentrali jekk u sakemm tali talbiet ikunu ġġustifikati u neċessarji għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, id-*data* maħżuna fir-Reġistru tal-Unjoni f'intervalli regolari ddeterminati f'konsultazzjoni mal-amministratur ċentrali.";

(38) l-Anness I huwa sostitwit bit-test tal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(39) l-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(40) l-Anness VI huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(41) jiddaħħal Anness VIIa ġdid, kif stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(42) jiddaħħal Anness VIIb ġdid, kif stabbilit fl-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(43) l-Anness IX huwa emendat f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament;

(44) l-Anness XIII huwa emendat f'konformità mal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, il-punti (21), (22), (25) u (28)(c), għandhom jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025 u l-Artikolu 1, il-punt (30)(b), għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS I

Tabella I-I

Tipi ta' kontijiet u tipi ta' unitajiet li jistgħu jinżammu f'kull tip ta' kont

Isem it-tip ta' kont	Detentur tal-kont	Amministratur tal-kont	Għadd ta' kontijiet ta' dan it-tip	Kwoti		Unitajiet mill-ETS marbuta skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2003/87/KE	Kwoti koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE
				Kwoti ġenerali	Kwoti tal-avjazzjoni		
I. *Kontijiet ta' ġestjoni tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni*							
Kont ta' Kwantità Totali tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Iva**	Le	Le	Le
Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	Iva	**Iva**	Le	Le
Kont ta' Kwantità Totali ta' Entità Regolata tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	Le	**Le**	Le	Iva
Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Iva**	Le	Le	Le
Kont tal-Bejgħ bl-Irkant ta' Entità Regolata tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	Le	**Le**	Le	Iva
Kont ta' gvern ta' pajjiż terz għat-tħassir tal-kwoti	Gvern ta' pajjiż terz	Amministratur Ċentrali	Wieħed għal kull gvern ta' pajjiż terz involut f'arranġament mhux vinkolanti mal-UE	Iva	Iva	Le	Le
Kont ta' tħassir tad-deroga mit-taxxa	Stat Membru	Amministratur Ċentrali	Wieħed għal kull Stat Membru li juża d-deroga skont l-Artikolu 30e(3) tad-Direttiva dwar l-ETS	Le	Le	Le	Iva

Kont ta' Allokazzjoni tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Iva**	Le	Le	Le
Kont tal-Bejgħ bl-Irkant għall-Avjazzjoni tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	Iva	**Iva**	Le	Le
Kont ta' Kwoti għall-Avjazzjoni tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	Iva	**Iva**	Le	Le
Kont ta' Tħassir tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**
Kont għall-kunsinna tal-kollaterali ta' rkant	Irkantatur, Pjattaforma tal-Irkant, Sistema tal-Ikklerjar jew Sistema tas-Saldu	amministratur nazzjonali li fetaħ il-kont	wieħed jew iktar għal kull pjattaforma tal-irkant	**Iva**	**Iva**	Le	iva

II. ***Kontijiet ta' depożitu tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni***

Kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja	Operatur	amministratur nazzjonali tal-Istat Membru fejn tinstab l-installazzjoni	wieħed għal kull installazzjoni	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Le**
Kont ta' depożitu ta' operatur tal-inġenji tal-ajru	Operatur tal-inġenji tal-ajru	amministratur nazzjonali tal-Istat Membru li jamministra l-operatur tal-inġenji tal-ajru	wieħed għal kull operatur tal-inġenji tal-ajru	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Le**
Kont ta' depożitu nazzjonali	Stat Membru	amministratur nazzjonali tal-Istat Membru detentur tal-kont	wieħed jew aktar għal kull Stat Membru	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**

Kont ta' depożitu ta' operatur marittimu	Operatur	l-amministratur nazzjonali tal-Istat Membru jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 3gf tad-Direttiva 2003/87/KE	wieħed għal kull kumpanija tat-tbaħħir	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Le**
Kont ta' depożitu ta' Entità Regolata	Entità regolata	amministratur nazzjonali tal-Istat Membru fejn tinstab l-entità regolata	wieħed għal kull entità regolata	Le	Le	Le	**Iva**
III. Kontijiet ta' negozjar tal-ETS fir-Reġistru tal-Unjoni							
Kont ta' negozjar	Persuna	amministratur nazzjonali jew amministratur ċentrali li fetaħ il-kont	kif approvat	**Iva**	**Iva**	**Iva**	**Iva**

Tabella I-II

Kontijiet għall-finijiet ta' tranżazzjonijiet ta' kontabilità skont it-Titolu IIA

Isem it-tip ta' kont	**Detentur tal-kont**	**Amministratur tal-kont**	**Għadd ta' kontijiet ta' dan it-tip**	**AEA**	**Emissjonijiet kontabilizzati/ assorbimenti kontabilizzati**	**LMU**	**MFLFA**
Kont ta' Kwantità Totali ta' AEAs tal-ESR tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	Iva	Le	Le	Le
Kont ta' Tħassir tal-ESR	UE	amministratur ċentrali	1	Iva	Le	Iva	Le
Kont ta' Kwantità Totali ta' AEAs tal-Anness II tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	Iva	Le	Le	Le

Kont ta' Riżerva ta' Sikurezza tal-ESR tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	Iva	Le	Le	Le
Kont ta' Konformità tal-ESR	Stat Membru	amministratur ċentrali	1 għal kull 10 snin ta' konformità għal kull Stat Membru	Iva	Le	Iva	Le"

ANNESS II

Fl-Anness III għar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122, it-tabella III-I hija emendata kif ġej:

(1) ir-ringiela 21 hija sostitwita b'dan li ġej:

"21	Identifikatur tal-Entità Legali ISO 17442	M fejn assenjat	Predefinit	Iva	Le	Iva"

(2) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

"22	Isem l-impriża omm	M fejn assenjat	Liberu	Iva	Le	Iva
23	Isem l-impriża sussidjarja	M fejn assenjat	Liberu	Iva	Le	Iva
24	ID tad-detentur ta' kont tal-impriża omm (mogħtija mir-Reġistru tal-Unjoni)	M fejn assenjat	Predefinit	Iva	Le	Le
25	Jekk applikabbli, l-isem tal-kumpanija tat-tbaħħir kif irreġistrat f'Thetis MRV(**)	M fejn assenjat	Liberu	Iva	Iva	Iva
26	L-istatus taċ-ċentru tan-negozjar f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE jew kontroparti ċentrali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012	M fejn assenjat	Għażla	Iva	Iva	Iva"

(3) tiżdied in-nota tat-tabella li ġejja:

(**) Thetis MRV hija s-sistema awtomatizzata ta' informazzjoni tal-Unjoni imħaddma mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE.".

ANNESS III

L-Anness VI għar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-ftuħ ta' kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja**";

(2) It-Tabella VI-I hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella VI-I dettalji tal-kont għall-kontijiet ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-Element	Element tad-dettalji tal-kont	Mandatorja jew Opzjonali?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?	Ippubblikat fuq websajt pubblika?
1	ID tal-permess	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
2	Data tad-dħul fis-seħħ tal-permess	M	Liberu	Iva	—	Iva
3	Isem l-Installazzjoni	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
4	It-tip ta' attività tal-installazzjoni	M	Għażla	Iva	Iva	Iva
5	Indirizz tal-installazzjoni — pajjiż	M	Predefinit	Iva	Iva	Iva
6	Indirizz tal-installazzjoni — reġjun jew Stat	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
7	Indirizz tal-installazzjoni — belt	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
8	Indirizz tal-installazzjoni — kodiċi postali	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
9	Indirizz tal-installazzjoni — linja 1	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
10	Indirizz tal-installazzjoni — linja 2	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
11	Nru tat-telefown tal-installazzjoni 1	M	Liberu	Iva	Le	Le
12	Nru tat-telefown tal-installazzjoni 2	M	Liberu	Iva	Le	Le
13	Indirizz tal-posta elettronika tal-installazzjoni	M	Liberu	Iva	Le	Le
14	Nru ta' identifikazzjoni EPRTR	M fejn assenjat	Liberu	Iva	Le	Iva
15	Latitudni	O	Liberu	Iva	Le	Iva
16	Lonġitudni	O	Liberu	Iva	Le	Iva
17	Sena tal-ewwel emissjoni	M	Liberu			Iva".

ANNESS IV

"ANNESS VIIa

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-ftuħ ta' kont ta' depożitu ta' operatur marittimu

1. L-informazzjoni stabbilita fit-Tabella III-I tal-Anness III u l-informazzjoni stabbilita fit-Tabelli VIIa-I u VIIa-II ta' dan l-Anness.

2. Taħt id-*data* mogħtija skont it-Tabella III-I tal-Anness III, il-kumpanija tat-tbaħħir għandha tingħata bħala d-detentur tal-kont.

3. Meta l-organizzazzjoni jew il-persuna, bħall-maniġer jew in-noleġġatur ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ, li tkun assumiet ir-responsabbiltà għat-tħaddim tal-bastiment mingħand sid il-bastiment u li, meta tassumi tali responsabbiltà, tkun qablet li tassumi d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis, stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u tkun assumiet ukoll ir-responsabbiltà għall-obbligi ta' konformità mal-miżuri nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2003/87/KE u l-obbligu li jiġu ċeduti l-kwoti skont l-Artikoli 3gb u 12 ta' dik id-Direttiva ("l-obbligi tal-ETS"), dik l-organizzazzjoni jew dik il-persuna għandha tipprovdi dokument li jindika b'mod ċar li tkun ingħatat mandat xieraq mis-sid tal-bastiment biex tikkonforma mal-obbligi tal-ETS.

4. Id-dokument imsemmi fil-punt 3 għandu jiġi ffirmat kemm minn sid il-bastiment kif ukoll mill-organizzazzjoni jew mill-persuna. Jekk dak id-dokument ikun f'lingwa li mhijiex l-Ingliż, għandha tiġi pprovduta traduzzjoni bl-Ingliż. Jekk dak id-dokument ikun kopja, għandu jiġi ċċertifikat bħala kopja vera minn nutar pubbliku jew minn persuna simili oħra speċifikata mill-amministratur nazzjonali. Jekk il-kopja ċċertifikata tinħareġ barra l-Istat Membru tal-amministratur nazzjonali, il-kopja għandha tkun legalizzata, ħlief fejn ikun previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali. Id-data taċ-ċertifikazzjoni jew tal-legalizzazzjoni ma għandhiex tkun ta' aktar minn tliet xhur qabel id-data tal-applikazzjoni għall-ftuħ ta' kont.

   Id-dokument għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

   (a) l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni uniku tal-OMI tal-kumpanija u tas-sid irreġistrat tal-organizzazzjoni jew tal-persuna mogħtija mandat minn sid il-bastiment;

   (b) il-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni jew tal-persuna mogħtija mandat minn sid il-bastiment, kif irreġistrat taħt l-Iskema tan-Numru Uniku ta' Identifikazzjoni tal-Kumpanija u s-Sid Reġistrat tal-OMI;

   (c) l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni uniku tal-OMI tal-kumpanija u tas-sid irreġistrat ta' sid il-bastiment;

   (d) l-informazzjoni li ġejja relatata mal-persuna ta' kuntatt ta' sid il-bastiment:

      (i) l-ewwel isem,

      (ii) il-kunjom,

      (iii) it-titolu tal-impjieg,

      (iv) l-indirizz tan-negozju,

      (v) in-numru tat-telefown tan-negozju,

      (vi) l-email tan-negozju;

   (e) id-data tal-applikazzjoni tal-mandat minn sid il-bastiment għall-organizzazzjoni jew għall-persuna;

   (f) in-numru ta' identifikazzjoni tal-OMI tal-bastiment ta' kull bastiment li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 1).

5. Fejn il-paragrafu 3 ma japplikax, sid il-bastiment għandu jipprovdi dokument li jelenka l-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tiegħu, kif ukoll in-numru ta' identifikazzjoni tal-bastiment tal-OMI rispettiv tagħhom.

   F'każ ta' tibdil f'dik il-lista ta' bastimenti, sid il-bastiment għandu jinforma lill-amministratur nazzjonali fi żmien 20 jum tax-xogħol u jipprovdilu dokument aġġornat, kif ukoll l-isem u n-numru uniku tal-OMI tal-kumpanija u tas-sid irreġistrat tal-kumpanija tat-tbaħħir il-ġdida għal kull bastiment li ma għadux taħt ir-responsabbiltà ta' sid il-bastiment.

6. Jekk id-detentur ta' kont ikun parti minn grupp, huwa għandu jipprovdi dokument li jidentifika b'mod ċar l-istruttura tal-grupp. Jekk dak id-dokument ikun kopja, għandu jiġi ċċertifikat bħala kopja vera minn nutar pubbliku jew minn persuna simili oħra speċifikata mill-amministratur nazzjonali. Jekk il-kopja ċċertifikata tinħareġ barra l-Istat Membru li jitlob kopja, il-kopja għandha tkun legalizzata, ħlief fejn ikun previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali. Id-data taċ-ċertifikazzjoni jew tal-legalizzazzjoni ma għandhiex tkun ta' aktar minn tliet xhur qabel id-data tal-applikazzjoni.

7. Jekk persuna ġuridika titlob sabiex tiftaħ kont, l-amministraturi nazzjonali jistgħu jitolbu għas-sottomissjoni tad-dokumenti addizzjonali li ġejjin:

   (a) dokument li jagħti prova tar-reġistrazzjoni tal-entità ġuridika;

   (b) dettalji tal-kont tal-bank;

   (c) konferma tar-reġistrazzjoni tal-VAT;

   (d) l-isem, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità tas-sid benefiċjarju tal-entità ġuridika kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (6), tad-Direttiva (UE) 2015/849, inkluż it-tip ta' sjieda jew kontroll li qegħdin jeżerċitaw;

   (e) kopja tal-istrumenti li jistabbilixxu l-entità ġuridika;

   (f) kopja tar-rapport annwali jew tal-aħħar dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati, jew jekk ma tkun disponibbli ebda dikjarazzjoni finanzjarja awditjata, kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji bil-bolla tal-uffiċċju tat-taxxa jew tad-direttur finanzjarju.

8. Minflok ma jiksbu dokumenti stampati li jagħtu prova tal-informazzjoni meħtieġa taħt dan l-Anness, l-amministraturi nazzjonali jistgħu jużaw għodod diġitali sabiex jirkupraw l-informazzjoni rilevanti, sakemm dawn l-għodod ikunu awtorizzati skont il-liġi nazzjonali sabiex jipprovdu dik l-informazzjoni.

Tabella VIIa-I

dettalji tal-kont għall-kontijiet ta' depożitu ta' operatur marittimu

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-Element	**Element tad-dettalji tal-kont**	**Mandatorja jew Opzjonali?**	**Tip**	**Jista' jiġi aġġornat?**	**L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?**	**Ippubblikat fuq websajt pubblika?**
1	In-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-kumpanija u tas-sid irreġistrat tal-IMO tal-kumpanija tat-tbaħħir	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
2	Tip ta' kumpanija tat-tbaħħir	M	Għażla ([1])	Iva	Iva	Iva
3	Isem il-kumpanija tat-tbaħħir	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
4	Pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija tat-tbaħħir ([2])	M	Predefinit	Iva	Iva	Iva
5	Indirizz tal-kumpanija tat-tbaħħir — pajjiż	M	Predefinit	Iva	Iva	Iva

6	Indirizz tal-kumpanija tat-tbaħħir — reġjun jew stat	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
7	Indirizz tal-kumpanija tat-tbaħħir — belt	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
8	Indirizz tal-kumpanija tat-tbaħħir — kodiċi postali	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
9	Indirizz tal-kumpanija tat-tbaħħir — linja 1	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
10	Indirizz tal-kumpanija tat-tbaħħir — linja 2	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
11	Telefown tal-kumpanija tat-tbaħħir 1	M	Liberu	Iva	Le	Le
12	Telefown tal-kumpanija tat-tbaħħir 2	M	Liberu	Iva	Le	Le
13	Indirizz tal-posta elettronika tal-kumpanija tat-tbaħħir	M	Liberu	Iva	Le	Le
14	Sena tal-ewwel emissjoni	M	Liberu			Iva
15	L-isem u n-numru ta' identifikazzjoni uniku tal-OMI tal-kumpanija u tas-sid(ien) irreġistrat(i) tal-bastiment(i) li għalihom il-kumpanija tat-tbaħħir tassumi r-responsabbiltà għall-obbligi tal-ETS (jekk applikabbli)	M fejn assenjat	Liberu	Iva	Iva	Le
16	L-isem u n-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-kumpanija u tas-sid irreġistrat tal-OMI tal-persuna/i jew tal-organizzazzjoni(jiet) għajr sid il-bastiment, li tassumi r-responsabbiltajiet imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis (jekk applikabbli)	M fejn assenjat	Liberu	Iva	Iva	Le

([1]) "Sid irreġistrat" jew "Kumpanija ISM distinta mis-sid irreġistrat".

([2]) Kif irreġistrat taħt l-Iskema ta' Numru Uniku ta' Identifikazzjoni tal-Kumpanija u s-Sid Reġistrat tal-IMO.

Tabella VIIa-II

Dettalji tal-persuna ta' kuntatt tal-kont ta' depożitu ta' operatur marittimu

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-Element	Element tad-dettalji tal-kont	Mandatorja jew Opzjonali?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?	Ippubblikat fuq websajt pubblika?
1	Isem il-persuna ta' kuntatt fl-Istat Membru	O	Liberu	Iva	Le	Le
2	Kunjom il-persuna ta' kuntatt fl-Istat Membru	O	Liberu	Iva	Le	Le
3	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – pajjiż	O	Predefinit	Iva	Le	Le
4	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt - reġjun jew stat	O	Liberu	Iva	Le	Le
5	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – belt	O	Liberu	Iva	Le	Le
6	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – kodiċi postali	O	Liberu	Iva	Le	Le
7	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – linja 1	O	Liberu	Iva	Le	Le
8	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – linja 2	O	Liberu	Iva	Le	Le
9	Nru tat-telefown tal-persuna ta' kuntatt 1	O	Liberu	Iva	Le	Le
10	Nru tat-telefown tal-persuna ta' kuntatt 2	O	Liberu	Iva	Le	Le
11	Indirizz e-mail tal-persuna ta' kuntatt	O	Liberu	Iva	Le	Le"

ANNESS V

'ANNESS VIIb

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-ftuħ ta' kont ta' depożitu ta' entità regolata

1. L-informazzjoni mogħtija fit-Tabella III-I tal-Anness III.

2. Taħt id-*data* mogħtija skont it-Tabella III-I tal-Anness III, l-entità regolata għandha tingħata bħala d-detentur tal-kont. L-isem mogħti għad-detentur tal-kont għandu jkun identiku bħall-isem tal-persuna fiżika jew ġuridika li tkun id-detentur tal-permess rilevanti għall-gassijiet serra.

3. Jekk id-detentur ta' kont ikun parti minn grupp, huwa għandu jipprovdi dokument li jidentifika b'mod ċar l-istruttura tal-grupp. Jekk dak id-dokument ikun kopja, għandu jiġi ċċertifikat bħala kopja vera minn nutar pubbliku jew minn persuna simili oħra speċifikata mill-amministratur nazzjonali. Jekk il-kopja ċċertifikata tinħareġ barra l-Istat Membru li jitlob kopja, il-kopja għandha tkun legalizzata, ħlief fejn ikun previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali. Id-data taċ-ċertifikazzjoni jew tal-legalizzazzjoni ma għandhiex tkun ta' aktar minn tliet xhur qabel id-data tal-applikazzjoni għall-ftuħ ta' kont.

4. L-informazzjoni mogħtija fit-Tabelli VIIb-I u VIIb-II ta' dan l-Anness.

5. Jekk persuna ġuridika titlob sabiex tiftaħ kont, l-amministraturi nazzjonali jistgħu jitolbu għas-sottomissjoni tad-dokumenti addizzjonali li ġejjin:

   (a) dokument li jagħti prova tar-reġistrazzjoni tal-entità ġuridika;

   (b) dettalji tal-kont tal-bank;

   (c) konferma tar-reġistrazzjoni tal-VAT;

   (d) l-isem, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità tas-sid benefiċjarju tal-entità ġuridika kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (6), tad-Direttiva (UE) 2015/849, inkluż it-tip ta' sjieda jew kontroll li qegħdin jeżerċitaw;

   (e) kopja tal-istrumenti li jistabbilixxu l-entità ġuridika;

   (f) kopja tar-rapport annwali jew tal-aħħar dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati, jew jekk ma tkun disponibbli ebda dikjarazzjoni finanzjarja awditjata, kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji bil-bolla tal-uffiċċju tat-taxxa jew tad-direttur finanzjarju.

6. Minflok ma jiksbu dokumenti stampati li jagħtu prova tal-informazzjoni meħtieġa taħt dan l-Anness, l-amministraturi nazzjonali jistgħu jużaw għodod diġitali sabiex jirkupraw l-informazzjoni rilevanti, sakemm dawn l-għodod ikunu awtorizzati skont il-liġi nazzjonali sabiex jipprovdu dik l-informazzjoni.

Tabella VIIb-I

dettalji tal-kont għall-kontijiet ta' depożitu ta' entitajiet regolati

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-Element	Element tad-dettalji tal-kont	Mandatorja jew Opzjonali?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazzjoni tal-amministratur?	Ippubblikat fuq websajt pubblika?
1	ID tal-permess	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
2	Data tad-dħul fis-seħħ tal-permess	M	Liberu	Iva	—	Iva
3	Isem l-entità regolata	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
5	Indirizz tal-entità regolata — pajjiż	M	Predefinit	Iva	Iva	Iva
6	Indirizz tal-entità regolata — reġjun jew stat	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
7	Indirizz tal-entità regolata — belt	M	Liberu	Iva	Iva	Iva

8	Indirizz tal-entità regolata — kodiċi postali	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
9	Indirizz tal-entità regolata — linja 1	M	Liberu	Iva	Iva	Iva
10	Indirizz tal-entità regolata — linja 2	O	Liberu	Iva	Iva	Iva
11	Telefown tal-entità regolata 1	M	Liberu	Iva	Le	Le
12	Telefown tal-entità regolata 2	M	Liberu	Iva	Le	Le
13	Indirizz tal-email tal-entità regolata	M	Liberu	Iva	Le	Le
14	Sena tal-ewwel emissjoni	M	Liberu			Iva

Tabella VIIb-II

Dettalji tal-persuna ta' kuntatt tal-entità regolata

	A	B	C	D	E	F
Nru tal-Element	Element tad-dettalji tal-kont	Mandatorja jew Opzjonali?	Tip	Jista' jiġi aġġornat?	L-aġġornament jitlob l-approvazz-joni tal-amministratur?	Ippubblikat fuq websajt pubblika?
1	Isem il-persuna ta' kuntatt fl-Istat Membru	O	Liberu	Iva	Le	Le
2	Kunjom il-persuna ta' kuntatt fl-Istat Membru	O	Liberu	Iva	Le	Le
3	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – pajjiż	O	Predefinit	Iva	Le	Le
4	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt - reġjun jew stat	O	Liberu	Iva	Le	Le
5	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – belt	O	Liberu	Iva	Le	Le
6	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – kodiċi postali	O	Liberu	Iva	Le	Le
7	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – linja 1	O	Liberu	Iva	Le	Le
8	Indirizz tal-persuna ta' kuntatt – linja 2	O	Liberu	Iva	Le	Le
9	Nru tat-telefown tal-persuna ta' kuntatt 1	O	Liberu	Iva	Le	Le
10	Nru tat-telefown tal-persuna ta' kuntatt 2	O	Liberu	Iva	Le	Le
11	Indirizz e-mail tal-persuna ta' kuntatt	O	Liberu	Iva	Le	Le"

ANNESS VI

L-Anness IX għar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu tat-Tabella IX-I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"***Data* dwar l-emissjonijiet għal installazzjonijiet stazzjonarji**";

(2) jiddaħħal il-punt li ġej:

"1a. Id-*data* dwar l-emissjonijiet għall-kumpaniji tat-tbaħħir għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Tabella IX-Ia, filwaqt li jitqies il-format elettroniku għas-sottomissjoni tad-*data* dwar l-emissjonijiet kif deskritt fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-*data* previsti fl-Artikolu 75.

Tabella IX-Ia

***Data* dwar l-emissjonijiet għall-kumpaniji tat-tbaħħir**

1	ID tal-kumpanija tat-tbaħħir:		
2	In-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-kumpanija u tas-sid irreġistrat tal-IMO tal-kumpanija tat-tbaħħir		
3	Is-sena tar-rapportar		

Emissjonijiet ta' gassijiet serra

Emissjonijiet ta' gassijiet serra soġġetti għall-obbligi ta' ċediment tal-kwoti qabel l-applikazzjoni tad-deroga skont l-Artikolu 12(3-e) tad-Direttiva 2003/87/KE [1]

		f'tunnellati	f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO_2
4	Emissjonijiet ta' CO_2 soġġetti għall-obbligi ta' ċediment tal-kwoti qabel l-applikazzjoni tad-deroga skont l-Artikolu 12(3-e) tad-Direttiva 2003/87/KE (Jikkorrispondi għall-ammont ta' emissjonijiet ta' CO_2 fil-Parti C, il-punt 5, tar-Rapport fil-livell tal-kumpanija [2])		
5	Emissjonijiet ta' CH_4 soġġetti għall-obbligi ta' ċediment tal-kwoti qabel l-applikazzjoni tad-deroga skont l-Artikolu 12(3-e) tad-Direttiva 2003/87/KE [3] (Jikkorrispondi għall-ammont ta' emissjonijiet ta' CH_4 fil-Parti C, il-punt 5, tar-Rapport fil-livell tal-kumpanija)		
6	Emissjonijiet ta' N_2O soġġetti għall-obbligi ta' ċediment tal-kwoti qabel l-applikazzjoni tad-deroga skont l-Artikolu 12(3-e) tad-Direttiva 2003/87/KE [4] (Jikkorrispondi għall-ammont ta' emissjonijiet ta' NO_2 fil-Parti C, il-punt 5, tar-Rapport fil-livell tal-kumpanija)		

7	**Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra** soġġetti għall-obbligi ta' ċediment tal-kwoti qabel l-applikazzjoni tad-deroga skont l-Artikolu 12(3-e) tad-Direttiva 2003/87/KE (Jikkorrispondi għall-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Parti C, il-punt 5, tar-Rapport fil-livell tal-kumpanija)	—	Σ (C4 + C5 + C6)

Emissjonijiet ta' gassijiet serra soġġetti għall-obbligi ta' ċediment tal-kwoti, filwaqt li jitqiesu d-derogi mill-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE previsti fl-Artikoli 12(3-e) sa 12(3-b) ([5])

		f'tunnellati	f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO2
8	Emissjonijiet ta' CO_2 soġġetti għall-obbligi ta' ċediment tal-kwoti (Jikkorrispondi għall-ammont ta' emissjonijiet ta' CO_2 fil-Parti C, il-punt 6, tar-Rapport fil-livell tal-kumpanija)		
9	Emissjonijiet ta' CH_4 soġġetti għall-obbligi ta' ċediment tal-kwoti ([6]) (Jikkorrispondi għall-ammont ta' emissjonijiet ta' CH_4 fil-Parti C, il-punt 6, tar-Rapport fil-livell tal-kumpanija)		
10	Emissjonijiet ta' N_2O soġġetti għall-obbligi ta' ċediment tal-kwoti ([7]) (Jikkorrispondi għall-ammont ta' emissjonijiet ta' NO_2 fil-Parti C, il-punt 6, tar-Rapport fil-livell tal-kumpanija)		
11	**Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra** soġġetti għall-obbligi ta' ċediment tal-kwoti (Jikkorrispondi għall-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Parti C, il-punt 6, tar-Rapport fil-livell tal-kumpanija)	—	Σ (C8 + C9 + C10)

([1]) Din it-taqsima (il-linji 4, 5 u 6) tapplika biss għall-kumpaniji tat-tbaħħir li jridu jibbenefikaw mid-deroga stabbilita fl-Artikolu 12(3-e) tad-Direttiva 2003/87/KE. Għall-emissjonijiet rilaxxati fl-2024 u fl-2025 rispettivament, id-*data* dwar l-emissjonijiet li għandha tiġi pprovduta fil-linji 4, 5 u 6 għandha tkun relatata mad-*data* dwar l-emissjonijiet qabel l-applikazzjoni tad-deroga stabbilita fl-Artikolu 12(3-e) tad-Direttiva 2003/87/KE u qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 3gb ta' dik id-Direttiva.

([2]) Ir-"Rapport fil-livell tal-kumpanija" jirreferi għar-rapport imsemmi fl-Artikolu 11a tar-Regolament (UE) 2015/757. Il-mudell tar-Rapport dwar l-Emissjonijiet tal-Kumpanija huwa stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2449 tas-6 ta' Novembru 2023 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli għall-pjanijiet ta' monitoraġġ, għar-rapporti dwar l-emissjonijiet, għar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet, għad-dokumenti ta' konformità, u għar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1927 (ĠU L, 2023/2449, 7.11.2023). Dak il-mudell jistabbilixxi d-diversi taqsimiet imsemmija fit-Tabella IX-Ia ta' dan l-Anness.

([3]) Mis-sena ta' rappurtar 2026.

([4]) Mis-sena ta' rappurtar 2026.

(5) Għall-emissjonijiet rilaxxati fl-2024 u fl-2025 rispettivament, id-*data* dwar l-emissjonijiet li għandha tiġi pprovduta fil-linji 8 sa 11 għandha tkun relatata mad-*data* dwar l-emissjonijiet wara l-applikazzjoni tad-deroga stabbilita fl-Artikolu 12(3-e) tad-Direttiva 2003/87/KE u qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 3gb ta' dik id-Direttiva. Il-perċentwali msemmija fl-Artikolu 3gb tad-Direttiva 2003/87/KE huma kkalkulati awtomatikament.

(6) Mis-sena ta' rappurtar 2026.

(7) Mis-sena ta' rappurtar 2026.'.".

(3) jiżdied il-punt li ġej:

"3. Id-data dwar l-emissjonijiet għall-entitajiet regolati għandha tinkludi l-informazzjoni stabbilita fit-Tabella IX-III, filwaqt li jitqies il-format elettroniku għas-sottomissjoni ta' data dwar l-emissjonijiet kif deskritt fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-data previsti fl-Artikolu 75.

Tabella IX-III

***Data* dwar l-emissjonijiet għall-entitajiet regolati**

1	ID tal-entità regolata:	
2	Is-sena tar-rapportar	

Emissjonijiet ta' gassijiet serra

		f'tunnellati ta' CO_2
3	Emissjonijiet domestiċi totali (Relatata mal-fjuwils kollha rilaxxati għall-konsum fit-territorju ta' Stat Membru)".	

ANNESS VII

Fl-Anness XIII għar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122, il-Parti I hija emendata kif ġej:

(1) il-punt 1 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-informazzjoni kollha indikata bħala "murija fuq is-sit web pubbliku" fit-Tabella III-I tal-Anness III, it-Tabella VI-I tal-Anness VI, it-Tabella VII-I tal-Anness VII, it-Tabelli VIIa-I u VIIa-II tal-Anness VIIa u t-Tabelli VIIb-I u VIIb-II tal-Anness VIIb;";

(ii) fil-punt (f), "l-1 ta' April" hija sostitwita b'"l-1 ta' Settembru";

(iii) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) simbolu u dikjarazzjoni li jindikaw jekk l-installazzjoni, l-operatur ta' inġenji tal-ajru jew il-kumpanija tat-tbaħħir relatati mal-kontijiet ta' operatur irrinunzjawx għadd ta' kwoti sat-30 ta' Settembru li mill-anqas ikunu daqs l-emissjonijiet kollha tagħhom fis-snin li għaddew kollha;";

(iv) jiżdied il-punt li ġej:

"(h) simbolu u dikjarazzjoni li jindikaw jekk l-entità regolata relatata mal-kont ta' depożitu ta' entità regolata irrinunzjatx għadd ta' kwoti sal-31 ta' Mejju li mill-anqas ikun daqs l-emissjonijiet kollha tagħha fis-snin kollha li għaddew.";

(b) it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (g), is-simboli u d-dikjarazzjonijiet li għandhom jintwerew huma stabbiliti fit-Tabella XIV-I. Is-simbolu għandu jiġi aġġornat fl-1 ta' Ottubru u, għajr għaż-żieda ta' * fil-każijiet deskritti fir-ringiela 5 tat-Tabella XIV-I, ma għandux jinbidel sal-1 ta' Ottubru tas-sena ta' wara, sakemm il-kont ma jingħalaqx qabel.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (h), is-simboli u d-dikjarazzjonijiet stabbiliti fit-Tabella XIV-I għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Is-simbolu għandu jiġi aġġornat fl-1 ta' Ġunju u, għajr għaż-żieda ta' * fil-każijiet deskritti fir-ringiela 5 tat-Tabella XIV-I, ma għandux jinbidel sal-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, sakemm il-kont ma jingħalaqx qabel.";

(d) It-Tabella XIV-I hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Tabella XIV-I**

Dikjarazzjonijiet ta' konformità

Nru tar-Ringiela	Ċifra tal-istat ta' konformità skont l-Artikolu 33	Emissjonijiet verifikati rreġistrati għall-aħħar sena sħiħa?	Simbolu	Dikjarazzjoni
			għall-wiri fuq il-websajt pubblika	
1	0 jew kwalunkwe numru pożittiv	Iva	A	"Għal installazzjonijiet, operaturi ta' inġenji tal-ajru, operaturi marittimi, l-għadd ta' kwoti ċeduti sat-30 ta' Settembru huwa akbar mill-emissjonijiet verifikati jew daqshom. Għall-entitajiet regolati, l-għadd ta' kwoti ċeduti sal-31 ta' Mejju huwa akbar mill-emissjonijiet verifikati jew daqshom."

Nru tar-Ringiela	Ċifra tal-istat ta' konformità skont l-Artikolu 33	Emissjonijiet verifikati rreġistrati għall-aħħar sena sħiħa?	Simbolu	Dikjarazzjoni
			għall-wiri fuq il-websajt pubblika	
2	kwalunkwe numru negattiv	Iva	B	"Għall-installazzjonijiet, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-operaturi marittimi, l-għadd ta' kwoti ċeduti sat-30 ta' Settembru huwa inqas mill-emissjonijiet ivverifikati Għall-entitajiet regolati, l-għadd ta' kwoti ċeduti sal-31 ta' Mejju huwa anqas mill-emissjonijiet verifikati."
3	kwalunkwe numru	Le	C	"L-emissjonijiet ivverifikati għas-sena preċedenti ma ddaħħlux qabel t-30 ta' Settembru għall-installazzjonijiet, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-operaturi marittimi. "Emissjonijiet verifikati għas-sena preċedenti ma ddaħħlux sal-31 ta' Mejju għall-entitajiet regolati."
4	kwalunkwe numru	Le (għaliex il-proċess ta' ċediment ta' kwoti u/jew il-proċess ta' aġġornament ta' emissjonijiet verifikati kien sospiż għar-reġistru tal-Istat Membru)	X	"Għall-installazzjonijiet, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-operaturi marittimi, id-dħul ta' emissjonijiet verifikati u/jew iċ-ċediment kienu impossibbli sat-30 ta' Settembru jew il-31 ta' Mejju għall-entitajiet regolati minħabba li l-proċess ta' ċediment ta' kwoti u/jew il-proċess ta' aġġornament ta' emissjonijiet verifikati kienu sospiżi għar-Reġistru tal-Istat Membru."
5	kwalunkwe numru	Iva jew Le (iżda sussegwentement aġġornati mill-awtorità kompetenti)	* *[miżjud mas-simbolu inizjali]*	"Emissjonijiet verifikati kienu stmati jew korretti mill-awtorità kompetenti."

(2) fil-punt 3, "it-30 ta' April" huwa sostitwit bit-"30 ta' Settembru";

(3) il-punt 4 huwa emendat kif ġej:

(a) it-'30 ta' April" huwa sostitwit bit-"30 ta' Settembru";

(b) l-"1 ta' Mejju" huwa sostitwit bl-"1 ta' Ottubru";

(4) il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

(a) l-"1 ta' Mejju" huwa sostitwit bl-"1 ta' Ottubru";

(b) it-"30 ta' April" huwa sostitwit bit-"30 ta' Settembru";

(5) jiddaħħal il-punt li ġej:

"6a. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punti 3 u 4 ta' dan l-Anness għall-emissjonijiet, għall-entitajiet regolati u għall-kwoti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE, kwalunkwe referenza għat-30 ta' Settembru u għall-1 ta' Ottubru, rispettivament, f'konformità mal-Artikolu 30e tad-Direttiva 2003/87/KE, għandha tinqara bħala referenza għall-31 ta' Mejju u għall-1 ta' Ġunju, rispettivament.".